MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Numru 210/2006

I1-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
(Spettur Kenneth Haber)

vs

Antonio Magro ta’ 30 sena, iben Francis u Anna Maria xebba Coleiro, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Gunju, 1975 u joqghod 25, Sweet Desire, Triq l-20 ta’ Jannar, Qormi, bil-karta tal-identita’ 298675 M

ILLUM IL-GIMGHA 3 TA’ MARZU, 2006.

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-Kumpilazzjoni fejn l-imputat Antonio Magro gie akkuzat talli:-

1. Fid-Depot tal-Pulizija l-Furjana f'dawn l-ahhar xhur u qabel l-1 ta' Marzu, 2006, ikkommetta serq, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1000, bil-lok, bil-mezz u bil-persuna;
2. Fl-1 ta' Marzu, 2006, fid-Depot tal-Pulizija ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar;
3. Fit-2 ta' Marzu, 2006, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Bil-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imsemmi Antonio Magro, billi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat iehor kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jistghu jitkomplew minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat il-kunsens relattiv ta' l-Avukat Generali;

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputat irregistra ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu l-opportunita li jirrifletti fuq il-konsegwenzi ta' tali dikjarazzjoni;

Fuq ammissjoni issibu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u wara li kkonsidrat li l-ewwel (1) imputazzjoni bhala l-iktar gravi tassorbixxi l-imputazzjonijiet l-ohra u wara li rat l-Art. 279 (a), Art. 110 (1) (2) tal-Kap. 9 u kkunsidrat l-aggravji applikabbli tikkundanna lill-imputat ghall-prigunerija ghal zmien disa' xhur (9); izda wara li qieset il-kooperazzjoni ta' l-imputat fl-investigazzjoni tar-reati, ir-rizenja tieghu mmedjata mill-Korp tal-Pulizija, id-debiti apologiji u ritorn tar-*res furtiva* u

wara li rat ukoll l-Art. 28 (a) tal-Kap. 9,tordna li din is-sentenza m’ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sena u nofs mil-lum il-hati jikkommetti reat iehor soggett ghall-piena ta’ prigunerija u spjegat lill-hati r-responsabbilita’ tieghu taht l-Artikolu 28(b) tal-Kap. 9 u l-konsegwenzi ta’ xi reat iehor tali kommess minnu fil-perjodu operattiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------